**23 ta' Ġunju, 1960**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.**

Giuseppe Cassar

*versus*

Carmela Cassar et.

**Sekwestru — Pensjoni — Alimenti — Komunjoni tal-Akkwisti — Separazzjoni Personali — Art. 382(b) u 852 tal-Proċedura Ċivili.**

*Jekk bejn mara u raġel t'ġi pronunzjata s-separazzjoni personali, u jkun hemm lok għal-likwidazzjoni tal-akkwisti li jkunu saru bejniethom, il-mara ma t'stgħax tissekwestra pensjoni li jkun qiegħed jirċievi r-raġel biex tikkawtela d-drittijiet tagħha fuq l-akkwisti, bħal ma tista' tagħmel meta l-kred'tu tagħha jkun għall-alimenti.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuta, b'mandat ta' sekwestru numru 398/1959, kontra l-attur u f'idejn il-konvenut l-ieħor, issekwestrat il-pensjoni li għandu l-attur bħala li spiċċa bis-sittin, u dan biex tikkawtela d-drittijiet tagħha għall-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti; talab li jiġi dikjarat u deċiż li l-pensjoni fuq imsemmija mhix suġġetta għas-sekwestru fuq imsemmi. Bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat l-atti tal-kawża fl-ismijiet invertiti, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-21 ta' April 1960, li minnha jirriżulta illi l-konvenuta, bħala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti, imissha £134, nofs is-somma li l-attur irċieva mill-Awtoritajiet tad-Dockyard, u li in kawtela tagħha sar is-sekwestru "de quo";

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi l-azzjoni esperita mill-attur tinsab bażata fuq l-art. 392(b) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili, magħmul applikabbli għas-sekwestru kawtelatorju mill-art. 852 tal-istess Kodiċi;

Illi ma jidherx kontestat illi l-attur, bħala ex-impjegat tat-Tarzna, qiegħed jirċievi pensjoni mill-Awtoritajiet Navali, u illi sa April ta' din is-sena huwa kien jitħallas direttament mill-Ingilterra per mezz ta' cheque lilu mibgħut bil-posta, u għalhekk sa dak iż-żmien is-sekwestru tal-konvenuta ma setgħax ikollu effett; iżda minn April l-hawn il-proċedura jidher li tbiddlet, u l-attur ġie avżat illi l-ħlas jsir mit-Tarzna lokali, il-lum H.M. Naval Base, Malta, u konsegwentement il-pensjoni "de qua" ġiet lilu miżmuma; u dan il-fatt, sopraġġunt wara ċ-ċitazzjoni, irradika fl-attur l-interess ġuridiku meħtieġ, bis-saħħa tal-"Jus Superveniens", biex jirrimwovi l-ostakolu għall-ħlas tal-pensjoni mis-sekwestru "de quo";

Illi, kif ġie rilevat, is-sekwestru "de quo" ma sarx mill-konvenuta għall-alimenti tagħha, iżda biex tikkawtela sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti; u konsegwentement ma jistgħax jolqot il-pensjoni tal-attur, li hija protetta mil-liġi;

Illi, dwar l-ispejjeż, il-Qorti hija tal-fehma illi dawn għandu jbatihom l-attur; mhux biss għaliex saru fl-interess tiegħu, iżda wkoll għaliex kien huwa li bħala debitur tal-konvenuta kien il-kaġun li sar l-imsemmi sekwestru;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjeż kontra tiegħu.